# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 544/2018 JVC**

**Maria Courtney Benner**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Maria Courtney Benner ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti hija bint Jason Howard u Christy Danielle Toal li twieldet gewwa r-Renju Unit nhar it-3 ta' Novembru tas-sena 1997;

2. Illi fuq ic-certifikat tat-twelid taghha liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Doc A, l-attrici nghatat l-ismijiet ta' Maria Courtney Howard bhala l-isem li ghandha tkun imsejha bih;

3. Illi barra minn hekk hija awtomatikament inghatat l-kunjom ta' missierha u cioe` dak ta' 'Howard';

4. Illi r-rikorrenti flimkien mal-familja taghha u cioe ommha u hutha emigrat lejn Malta fl-elfejn disa' mija u ghaxra (2010) fejn ghadha tghix sal-gurnata tal-lum;

5. Illi hija nghatat kunsens minghand missierha sabiex tghix gewwa l-gzira ta' Malta b'mod permanenti flimkien ma ommha u dan kif juri bl-aktar mod car id-dikjarazzjoni hawn anness u mmarkata bhala Doc B;

6. Illi ommha zzewget lil Alan Christian Benner nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena (2011) liema kopja tac-certifikat qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Doc C;

7. Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena 2017 ir-rikorrenti nhargitilha c-cittadinanza Maltija taht l-isem ta' Courtney Maria Benner (at birth Courtney Maria Howard) u dan kif juri b'mod car ic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Doc D;

8. Illi mit-3 ta' Novembru tas-sena 2013 u cioe meta r-rikorrenti kienet ghadha tattendi l-iskola sekondarja gewwa l-Kullegg San Benedittu f'Hal Tarxien hija kienet diga bdiet tuza l-kunjom Benner u dan kif turi d-dikjarazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Doc E u dan

sabiex hija jkollha kunjom ommha u kunjom hutha stante illi giet tghix hawn Malta b'mod permanenti;

9. Illi ghalhekk ir-rikorrenti fis-sena 2013 hija formalment irrinunzjat u abbandunat kompletament il-kunjom patern ta' 'Howard' u minfloku addottat ufficjalment il-kunjom matern ta' 'Benner';

10. Illi minn dakinhar 'l hemm r-rikorrenti qatt ma regat uzat il-kunjom ta' 'Howard' u hija konsistentement maghrufa bhala 'Maria Courtney Benner', tant hu hekk, illi kemm fic-certifikat tal-Kondotta kif hawn anness u mmarkat bhala Doc F, kemm fil-passaport Malti hawn anness u mmarkat bhala Doc G kif ukoll fil-karta tal-identita Maltija liema kopja qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Doc H, kif mahrugin mill-awtoritajiet Maltin hija indikata bhala 'Maria Courtney Benner';

11. Illi huwa evidenti illi c-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtoritajiet Inglizi mhux qieghed jirrifletti r-realta' u qieghed jikkreja konfuzjoni mad-dokumentazzjoni ufficjali mahruga mill-awtoritajiet ta' Malta;

12. Illi infatti peress li fuq ic-certifikat tat-twelid l-attrici hija ndikata bhala 'Maria Courtney Howard' meta applikat ghall-passaport ma' l-awtoritajiet Maltin dan inhareg fuq l-isem u l-kunjom ta' 'Maria Courntey Benner' (kopja m'hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G) mentri fuq dak mahrug mill-awtoritajiet Inglizi huwa indikat bhala 'Maria Courtney Howard';

13. Illi ghalhekk l-attrici tixtieq tirregola il-posizzjoni taghha sabiex isiru l-korrezzjonijiet relattivi fuq kull dokument sabiex dan jigi jirrifletti r-realta' tal-fatti u ma tkomplix tigi krejata din il-konfuzjoni;

14. Illi hija diga ottjeniet tibdil fil-kunjom permezz ta' 'deed poll'.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tawtorizza kunjom ir-rikorrenti bhala 'Benner' sabiex jigi rregistrat mal-Awtoritajiet kollha Maltin sabiex dan il-kunjom jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv ghall-istess attrici.

   U dan salv kull provvediment iehor u opportun li jidrilha xieraq dina l-Onorabbli Qorti.

   Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa stess huwa ngunt ghas-subizzjoni.

   Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponenti tirrileva illi m'hijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponenti umilment tirrileva illi minkejja l-fatt li l-attrici ghandha c-cittadinanza Maltija, l-Att tat-Twelid originali taghha mahrug mill-Awtoritajiet Inglizi qatt ma gie debitament registrat mal-Awtoritajiet Maltin ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Illi stante s-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma illi f'dan l-istadju it-talba kif dedotta ma timmeritax li tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti, tenut kont tal-fatt illi fi hdan id-Dipartiment tar-Registru Pubbliku ma hemm l-ebda Att tal-iStat Civili tal-attrici li jistghu jigu korretti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-Risposta Guramentata ulterjuri tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li giet awtorizzata permezz tad-digriet ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2018 fejn inghad kif isegwi:

1. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti jistqarr li hija ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi skont it-talba kif dedotta, ir-rikorrenti qed titlob sabiex ikun hemm it-tibdil fl-Atti tal-Istat Civili, sabiex dan jirrifletti kunjomha bhala 'Benner' u mhux bhala 'Howard';

3. Illi r-registrazzjoni tal-att tat-twelid Malti tal-attrici, sar skont l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-istadju l-esponenti jissottometti illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku rregistra l-informazzjoni skont l-atti esteri li gew pprovduti lilu;

4. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid tal-attrici, mahrug mill-konvenut, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti;

5. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jissottolineja li minkejja li d-deed polls ma humiex regolati fil-ligi nostrana, l-esponenti ser jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-

Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Ottubru, 2019 ir-rikors gie differit ghallum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikorrenti Maria Courtney Benner permezz tar-rikors guramentat odjern u d-dokumenti esebiti fosthom ic-certifikat tat-twelid a fol. 37 tal-process qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 4415 tas-sena 2018 sabiex dan juri l-kunjom bhala dak ta' 'Benner' u mhux 'Howard'.

Fir-risposta tieghu tas-26 ta' Gunju, 2018 id-Direttur intimat ressaq eccezzjoni fejn irrileva li l-Att tat-twelid originali mahrug mill-Awtoritajiet Inglizi ma giex debitament registrat mal-Awtoritajiet Maltin ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili u ghalhekk ma kien hemm l-ebda att tal-istat civili x'jigi korrett.

Rat illi din l-eccezzjoni giet sorvolata stante li l-Att tat-twelid tar-rikorrenti gie debitament registrat u jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4415 tas-sena 2018 (ara kopja a fol. 37 tal-process).

Rat illi fir-risposta ulterjuri tal-11 ta' Dicembru, 2018 id-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-gudizzju ta' din il-Qorti salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Rat illi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 40 u fol. 41 tal-process.

Rat illi fl-atti gew esebiti dokumenti li lkoll jevidenzjaw li r-rikorrenti kienet maghrufa anke minn istituzzjonijiet bil-kunjom ta' 'Benner' u mhux bil-kunjom ta' 'Howard'. Fost affarijiet ohra, hija esebiet ittra mahruga mill-Kullegg San Benedittu Sekondarja tal-Bniet ta' Hal Tarxien li tikkonferma li r-rikorrenti kien ilha mit-3 ta' Novembru, 2013 taghmel uzu mill-kunjom 'Benner' (a fol. 8 tal-process).

Rat id-deposizzjoni bil-procedura tal-affidavit tar-rikorrenti stess li flimkien maghha esebiet kopja tal-UK Deed Poll Service (a fol. 25 u fol. 26 tal-process); id-deposizzjoni ta' Raymond Philip Toal li jigi hu n-nannu tar-rikorrenti (a fol. 27 tal-process); id-deposizzjoni ta' Wayne Bonello li huwa l-boyfriend tar-rikorrenti (a fol. 28 tal-process); id-deposizzjoni ta' Cynthia Diane Toal li tigi z-zija tar-rikorrenti (a fol. 29 tal-process); id-deposizzjoni ta' Christy Danielle Benner li tigi omm ir-rikorrenti (a fol. 30 tal-process); id-deposizzjoni ta' Christiana Benner li tigi omm Alan Benner (a fol. 31 tal-process) kif ukoll id-deposizzjoni ta' Alan Christian Charles Benner li huwa l-step-father tar-rikorrenti (a fol. 36 tal-process) fejn ilkoll ikkonfermaw li r-rikorrenti hija maghrufa bhala Benner u mhux bhala Howard.

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghtu dritt lill-persuna li tressaq

talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili. Jinghad li ghalhekk il-ligi ssemmi biss isem u mhux ukoll kunjom huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta f'dan ir-rigward.

Illi *in vista* tal-provi fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li fuq l-Att tat-twelid tar-rikorrenti Maria Courtney Howard bin-numru ta' iskrizzjoni 4415 tas-sena 2018, taht il-kolonna intestata "Isem u Kunjom il-Wild" il-kunjom 'Howard' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Benner' u tordna li din il-korrezzjoni tigi riflessa f'kull att ta'l-istat civili relattivi ghall-istess rikorrenti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghar-ragunijiet suesposti ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru, 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru, 2019**